



## Ġabra tal-ġurisprudenza

**Kawża T-790/14  
(pubblikazzjoni ta' estratti)**

**Samir Hassan  
vs  
Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

"Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi meħuda kontra s-Sirja — Iffriżar ta' fondi — Restrizzjoni fuq id-dħul — Annnullament ta' atti preċedenti minn sentenza tal-Qorti Ġeneral — Atti ġodda li jinkludu isem ir-rikorrent fil-listi — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Dritt ġħall-proprietà — Proporzjonalità — Preżunzjoni ta' innoċenza — Responsabbiltà mhux kuntrattwali"

Sommarju – Sentenza tal-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla) tal-21 ta' Lulju 2016

1. *L-Unjoni Ewropea — Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet — Miżuri restrittivi kontra s-Sirja — Portata tal-istħarriġ*

[*Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2013/255/PESK, Artikolu 28(1), 2014/678/PESK u 2015/837/PESK; Regolamenti tal-Kunsill Nru 36/2012, Artikolu 15(1)(a), Nru 1013/2014 u 2015/828*]

2. *Politika estera u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi speċifiċi kontra s-Sirja — Deċiżjonijiet ta' ffriżar ta' fondi u ta' projbizzjoni ta' dħul — Restrizzjonijiet għad-dritt għall-proprietà — Ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità — Assenza*

[*Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 17(1); Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/678/PESK u 2015/837/PESK; Regolamenti tal-Kunsill Nru 36/2012, Nru 1013/2014 u 2015/828*]

3. *Dritt tal-Unjoni Ewropea — Princípjji — Drittijiet fundamentali — Preżunzjoni ta' innoċenza — Deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi meħudi kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja — Kompatibbiltà mal-imsemmija prinċipju — Kundizzjonijiet*

[*Artikolu 6(1) u 29 TUE; Artikolu 215(2) TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 48(1); Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2013/255/PESK, 2014/678/PESK u 2015/837/PESK; Regolamenti tal-Kunsill Nru 36/2012, Artikolu 32(4), Nru 1013/2014 u 2015/828*]

4. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Dannu — Rabta kawżali — Natura kumulattiva — Assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet — Ċaħda tar-rikors għad-danni kollu kemm hu*

*(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 340 TFUE)*

1. Fir-rigward tal-miżuri restrittivi meħuda kontra persuni li jsostnu lir-reġim Sirjan, peress li, fl-ewwel lok, il-ħatra tal-president u tal-viċi-president ta' kunsill ta' amministrazzjoni li l-funjoni tiegħi hija li jippromwovi l-ekonomija tas-Sirja u l-iżvilupp tal-impriżi u tal-attivitajiet kummerċjali u ta'

investiment tagħha u li, fit-tieni lok, il-funzjoni tal-persuna li hija l-oġġett tal-miżuri restrittivi fi ħdan tali kunsill ekonomiku tista' tiġi spiegata biss minn ċerta viċinanza mar-reġim eżistenti u tikkostitwixxi element fattwali mhux ikkontestat li jixxel rabta ċerta ma' dan ir-reġim, din il-viċinanza tippermetti lill-Kunsill jikkunsidra b'mod validu li l-imsemmija persuna tibbenefika mir-reġim, issostnih u li hija marbuta miegħu fis-sens tal-Artikolu 28(1) tad-Deċiżjoni 2013/255 u tal-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament Nru 36/2012.

(ara l-punti 40-43, 46, 50, 52)

2. Fir-rigward tal-miżuri restrittivi meħuda kontra persuni li jsostnu r-reġim Sirjan, l-ifriżar ta' fondi u ta' ta' riżorsi ekonomiċi jikkostitwixxi miżura protettiva li ma hijiex intiża li ċċaħħad lill-persuni kkōncernati mill-proprietà tagħhom. Madankollu, dawn il-miżuri inkontestabilment joħolqu restrizzjoni għall-użu ta' tali proprjetà.

Fir-rigward tan-natura adegwata ta' dawn il-miżuri fid-dawl ta' għan ta' interessa ġenerali li huwa wkoll fundamentali għall-komunità internazzjonali u għall-protezzjoni tal-popolazzjoni ċivili, jirriżulta li l-ifriżar ta' fondi, assi finanzjarji u riżorsi ekonomiċi oħra kif ukoll il-projbizzjoni ta' dħul fit-territorju tal-Unjoni fir-rigward ta' persuni identifikati bħala li huma implikati fis-sostenn tar-reġim Sirjan, ma jistgħux, bħala tali, jiġi kkunsidrati bħala inadegwati.

Fir-rigward tan-natura meħtieġa tagħhom, il-miżuri alternattivi u inqas vinkolanti, bħal sistema ta' awtorizzazzjoni preliminari jew obbligu ta' ġustifikazzjoni a posteriori tal-użu ta' fondi ttrasferiti, ma jippermettux b'mod daqstant effettiv li jintlaħaq l-għan segwit, jiġifieri l-eżerċitar ta' pressjoni fuq l-appoġġ tar-reġim Sirjan, b'mod partikolari fir-rigward tal-possibbiltà li jiġi evitati r-restrizzjonijiet imposta.

Fl-aħħar nett, l-inklużjoni mill-ġdid tal-persuni li huma l-oġġett ta' tali miżuri fuq il-listi tal-persuni, entitajiet u organi rikonoxxuti li huma jew responsabbi tar-repressjoni vjolenti tal-manifestazzjonijiet paċċiċi f'diversi postijiet fis-Sirja, jew inkella huma relatati mal-imsemmija responsabbi, ma tistax tiġi kkwalifikata bħala sproporzjonata minħabba allegata natura potenzjalment illimitata, peress li din l-inklużjoni mill-ġdid tagħmel parti minn rieżami periodiku sabiex jiġi għgarantit li l-persuni u l-entitajiet li ma għadhomx jissodis faw iktar il-kriterji għall-inklużjoni fuq il-lista inkwistjoni jitneħħew. Minn dan jirriżulta li, fid-dawl tal-importanza primordjali tal-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili fis-Sirja u d-derogi previsti mid-deċiżjonijiet ikkontestati, ir-restrizzjonijiet għad-dritt tal-proprietà u għar-rispett għall-ħajja privata tar-rikorrenti kkawżati mid-deċiżjonijiet ikkontestati ma humiex sproporzjonati.

(ara l-punti 58, 62-64, 66, 67)

3. Atti li jimponu miżuri restrittivi fuq persuni, entitajiet jew organi rikonoxxuti li huma jew responsabbi għar-repressjoni vjolenta tal-manifestazzjonijiet paċċiċi f'diversi postijiet fis-Sirja, jew inkella huma relatati mal-imsemmija responsabbi, adottati abbażi tal-Artikolu 29 TUE, li jaapplikaw matul tħażżej tħalli x-xażżeen, huma s-suġġett ta' sorveljanza kostanti u jistgħu jiġi pprorogati jew emendati, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-ġħanijiet tagħħom ma ntlaħqu u li ma jwasslux għal konfikazzjoni tal-beni tal-persuni interessanti bħala prodotti tar-reat, iżda ifriżar bħala protezzjoni, ma jikkostitwixx sanżjoni u fil-fatt ma jimplikaw l-ebda akkuża ta' din in-natura. Fil-fatt, tali atti ma jikkostitwixx konstatazzjoni li ksur effettivament twettaq, iżda huma adottati fil-kuntest u għall-finijiet ta' proċedura ta' natura amministrattiva li għandha effett ta' protezzjoni u li għandha l-uniku għan li tippermetti lill-Kunsill li jiggħarantixxi l-protezzjoni tal-popolazzjonijiet ċivili. Għaldaqstant, l-inklużjoni ta' persuna li hija l-oġġett ta' tali miżuri fuq il-listi ta' tali persuni, entitajiet u organi ma jiksirx il-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza.

(ara l-punti 73, 75-79)

4. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 84, 85)